MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 14/2004

**App Nru 14/04**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Borg talli fid-29 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tat-08.00 fi Triq l-Imdina, Qormi,

1 Bhala sid tal-vettura numru FAI 012 naqas li jara li jkollha dejjem u f’ kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta (licenzja mhux imgedda);

2 Ippermetta lil Carmel Farrugia jsuq l-imsemiija vettura Nru FAI 012 minghajr ma kienet koperta b’ polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3 Kif ukoll minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda).

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Borg mhux hati fuq it-tieni akkuza u illiberatu minnha izda sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu ghoxrin liri Maltin (Lm20) *multa* fuq l-ewwel imputazzjoni u ghoxrin liri Maltin (Lm20) *multa* fuq it-tielet imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-26 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet u ddikjarat lill-appellant (allura imputat) hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu *multa* ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) fuq kull wahda minnhom, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u, minflok, in aggunta, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellat fit-tieni imputazzjoni wkoll u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporaneja tal-licenzja tas-sewqan;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu brevement is-segwenti: Fid-29 ta' Settembru 2003 sehhet kollizjoni fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi, bejn vettura CAR 756 u trailer FAI 012. It-trailer kien misjuq min certu Carmel Farrugia. P.C. 1597 Alfred Chetcuti xehed li huwa acceda fuq il-post ta' l-incident u meta kellem lil Carmel Farrugia u saqsieh

ghal-licenzja u l-polza ta' sigurta`, dan wiegbu li jiehu hsieb kollox l-imghallem li filghodu jtieh it-trakk u hu johrog bih. P.C. Chetcuti ivverifika mill-computer ta' l-ghassa li t-trailer la kien assigurat u lanqas ma kien hemm licenzja mgedda. Ghalhekk cempel lil Carmel Farrugia li qallu li sejjer jinzel l-ghassa flimkien ma' l-imghallem tieghu. Pero` hadd minnhom ma mar l-ghassa. Mill-verifiki li ghamel ix-xhud, irrizultalu li sid it-trailer huwa Joseph Borg, l-appellat. Mieghu baqa' ma tkellem qatt. In vista ta' dak li kien qallu x-xufier tat-trailer, P.C. 1597 irrakkomanda *inter alia* li sid it-trailer jigi akkuzat li ppermetta lil Carmel Farrugia jsuq l-vettura FAI 012 minghajr ma din kienet koperta b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni minhabba li ma kienx hu li kien qed isuq fil-mument li Carmel Farrugia gie mwaqqaf mill-Pulizija. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li mis-sentenza appellata ma jirrizultawx ir-ragunijiet ghaliex l-appellat gie lliberat mit-tieni imputazzjoni. Difatti fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tghid biss li semghet il-provi u li mhijiex issib lill-imputat hati fuq it-tieni imputazzjoni u minnha qed tilliberah. Minn imkien ma tirrizulta r-raguni msemmija mill-appellant, li hija ghalhekk biss asserzjoni gratuwita. Bhalma lanqas ma jirrizulta li kienu l-Pulizija li waqqfu lil Carmel Farrugia, peress li mill-provi jirrizulta li l-Pulizija accedew biex jinvestigaw kollizjoni. Ghalhekk certament dan l-aggravju mhuwiex bazat fuq ir-rizultanzi u huwa michud.

L-appellant ighid ukoll li, bhala sid il-vettura in kwistjoni, l-appellat kellu responsabilta` stretta, tassattiva u vikarja li jwiegeb ghall-fatt li ma kinitx koperta bl-imsemmija polza u, fuq kollox, li ma jippermetti lil hadd jiehu kontroll u jsuq l-istess vettura. Mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li fuq it-trailer in kwistjoni ma kienx hemm polza ta' sigurta` vigenti; izda kellu jigi ppruvat ukoll li l-appellat effettivament ippermetta jew halla lil Carmel Farrugia jsuq it-trailer in kwistjoni. Fil-kaz in ezami fil-fatt l-unika xiehda f'dan ir-rigward hija dik ta' P.C. 1597 Alfred Chetcuti li

xehed dwar dak li qallu Carmel Farrugia. Din ix-xiehda tista' tiswa bhala prova tad-diskors li ntqal lix-xhud minn Carmel Farrugia izda mhux bhala prova tal-fatti allegati minn Carmel Farrugia. Irrizulta in effetti li l-Pulizija qatt ma kelmet lill-appellat, u allura qatt ma nghatat il-verzjoni tieghu, u Carmel Farrugia, ghalkemm indikat bhala xhud fil-komparixxi, ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk lanqas tezisti konferma ta' dak li P.C. 1597 xehed li Carmel Farrugia kien qallu. Konsegwentement dan l-ilment mhuwiex gustifikat peress li ma tezisti l-ebda prova diretta jew indiretta li kien proprju l-appellat li kien ippermetta lil Carmel Farrugia jsuq il-vettura msemmija.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta wkoll li skond l-artikolu 15(3) tal-Kap 65, l-ewwel Qorti, anke biss fuq id-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija kif minnha maghmula fil-konfront ta' l-appellat, kienet legalment obbligata li tordna l-iskwalifika tal-licenzi hekk kif mitlub mill-prosekuzzjoni; izda naqset milli taghmel dan. Is-subartikolu (3) imsemmi jirreferi ghal kull reat imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu eskluz is-sewqan ta' *motor-car* jew vettura ohra bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz. Huwa ovvju li dak li l-appellat gie akkuzat bih fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet ma jinkwadrax ruhu fl-ebda reat imsemmi fis-subartikolu (1). Ghalhekk anke dan l-ilment ta' l-Avukat Generali mhuwiex gustifikat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------